# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025**

**Numru: 9**

**Rikors numru: 1017/2015/1JVC**

**Gaetano Sciberras**

**v.**

**Devlands Limited**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Gaetano Sciberras minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Marzu, 2024, fejn ġew miċħuda t-talbiet attriċi għad-danni minħabba inċident li seħħ fuq sit ta' kostruzzjoni.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-27 ta' Ottubru, 2015, l-attur ifisser kif nhar id-9 ta' Lulju, 2013, waqt li huwa kien qiegħed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sit fl-indirizz 148, "*Anthony*", Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, fuq struzzjonijiet tal-kumpanija konvenuta flimkien ma' impjegati oħra, huwa safa midrub minħabba l-inċident li seħħ.

3. L-attur ikompli jfisser kif f'mument minnhom, waqt li ċertu Darren Agius, impjegat tal-kumpanija konvenuta kien qiegħed iħaddem *tower crane* li bih kien qiegħed itella' l-ġebel, għal xi raġuni l-istess ġebel waqa' mill-għoli u spiċċa waqa' fuqu meta kien qiegħed isfel fuq il-livell tal-bankina.

4. L-attur isostni li sofra diżabbiltà permanenti u dan b'riżultat tal-imsemmi inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol, u li dan l-inċident seħħ b'responsabbiltà unika tal-kumpanija konvenuta. Jgħid li minkejja li sejjaħ lill-kumpanija diversi drabi, inkluż b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Mejju, 2015, sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, hija baqgħet inadempjenti.

5. Għalhekk l-attur talab lill-Qorti sabiex:

*«1. Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fid-9 ta' Lulju 2013 filwaqt li l-esponent kien qiegħed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fuq sit fl-indirizz 148, 'Anthony' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u fejn huwa safa' mweġġa' gravament, seħħ b'responsabbiltà tas-soċjetà intimata;*

*2. Tiddikjara illi b'konsegwenza tal-istess inċident l-esponent sofra danni konsistenti f'diżabbiltà fiżika permanenti li huwa ġarrab;*

*3. Tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponent u tillikwida l-istess danni minnu hekk sofferti;*

*4. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponent dik is-somma hekk likwidata fi żmien qasir u perentorju;*

*U dan taħt il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Mejju 2015 u bl-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.»*

6. Il-kumpanija konvenuta Devlands Limited wieġbet għal dan ir-rikors maħluf fis-17 ta' Novembru, 2015, u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrent inkwantu diretta kontra s-soċjetà esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan stante illi l-istess esponenti mhix responsabbli għall-inċident de quo hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*2. Illi di più, għall-kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur, is-soċjetà esponenti dejjem aġixxiet b'diliġenza fejn, fost affarijiet oħra, dejjem aderiet ruħha ma' l-obbligi legali tagħha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 ta' Liġijiet ta' Malta fejn saħħet sabiex tipprovdi lill-impjegati tagħha, fosthom lir-rikorrent, a safe place of work kif ukoll a safe system of work. Għaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li s-soċjetà esponenti wettqet xi nuqqas illi jagħmilha b'xi mod responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u l-grad ta' tali responsabbiltà.*

*3. Illi t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent għandha għalhekk tiġi riġettata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat u għaldaqstant l-istess għandu jagħmel il-prova tad-danni skont il-liġi.*

*4. Illi r-raba' talba tar-rikorrent għandha wkoll tkun miċħuda u dan għaliex is-soċjetà esponenti m'għandhiex tiġi kostretta tħallas ebda danni lill-istess rikorrent.*

*5. Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.»*

7. L-Ewwel Qorti qatgħet it-talbiet attriċi permezz tas-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu, 2024, fis-sens illi laqgħet mill-ewwel sar-raba' eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta u għalhekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, b'dan illi l-ispejjeż tal-każ jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk, kienu dawn:

*«Illi sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra t-tieni, t-tielet u r-raba' talba tar-rikorrrent li jikkonċernaw l-allegati danni sofferti, fl-ewwel lok jeħtieġ li din il-Qorti tiddeċiedi jekk hux minnu li r-rikorrent weġġa' fuq il-lant tax-xogħol b' 'responsabbiltà tas-soċjetà' intimata li kienet obbligata bil-liġi li taġixxi bħala Bonus Pater Familias għalhekk li tipprovdi post tax-xogħol sigur għall- ħaddiema tagħha. Fil-fatt is-soċjetà ntimata fin-nota ta' sottomissjonijet tagħha ssostni kif isegwi:*

*«Għalkemm il-prinċipji tal-ħtija kif imsawra fil-kuntest tal-***Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16** *jistgħu jiġu applikati in linea ġenerali għall-azzjoni rikorrenti, it-talbiet tar-rikorrent għad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà u konsegwenti likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tad-danni huma msejsa fuq ir-relazzjoni ex contractu veljanti bejn impjegat u prinċipal fejn jidħol il-ħarsien tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. In linea ġenerali, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza ta' bonus pater familias. Għandha tkun akkompanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew jkunu jiddettaw.»*

*Illi l-***artikolu 1031 u 1032 (1) tal-Kap. 16** *jaqraw kif isegwi:*

*«1031: Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

*1032: (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famija.»*

*Il-Qorti f'dan l-istadju tagħmel referenza għal deċiżjoni kwotata wkoll mill-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fl-ismijiet* ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited et****. deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-25 ta' Frar, 2021, liema deċiżjoni tiddelinea b'mod ċar l-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti sabiex issib ir-responsabbiltà o meno tas-soċjetà ntimata*

> *«Min-naħa l-oħra, il-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (***Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424***) jew milli jikkoopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (***Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424***). Hekk ukoll jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Huwa ritenut li ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jġarrab. Hekk ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet* ***Peter Ronald v. Polibon Construction Limited****: "Huwa minnu li d-datur tax-xogħol għandu obbligu li jħares l-inkolumità tal-impjegati tiegħu u dana billi jipprovdi dak li jissejjaħ 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Għandu wkoll jaċċerta ruħu li l-impjegati tiegħu jkunu mħarrġa sew dwar ix-xogħol li jkunu mistennija li jagħmlu. Però daqstant għandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess tagħhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew mogħtija lilhom mill-employer u inoltre jaġixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumità tagħhom. … "L-attenzjoni meħtieġa mis-soċjetà konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad ogħla, u ladarba jirriżulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet ingħatat l-ordni speċifika biex ma jiġux eżegwiti dawk ix-xogħlijiet li eventwalment wasslu għall-inċident, l-istess soċjetà konvenuta ssodisfat dan l-obbligu tagħha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli għall-akkadut billi l-attur iddiżobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xogħol tiegħu.»*

*Il-Qorti rat ukoll l-****artikoli 6 u 7 tal-Kap. 422, Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà*** *fuq il-post tax-xogħol li jaqraw kif isegwi:*

> *«6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> *Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi,min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att: Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*
>
> *(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri-*
>
> *(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonuu xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel,u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2),min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim,dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*

*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax- xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.»*

*Dmirjiet tal-ħaddiema.*

*«7.(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà.»*

*Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li l-uniku mod kif seta' seħħ l-inċident inkwistjoni fejn faqqgħet ir-rużata tal-ġebel kien billi kien hemm kantun minnhom li kien difettuż b'dana li dan malli ġie*

*magħfus bil-katina, hu u jiġi mgħolli mill-krejn, faqqa' bir-riżultat li r-rużata tal-ġebel waqgħet għal isfel.*

*Illi mill-provi fl-atti jirriżulta kif ir-rikorrent Gaetano Sciberras, li jirriżulta li kellu tletin sena esperjenza f'dan ix-xogħol, mar biex jorbot l-aħħar vjaġġ ta' ġebel li kien jikkonsisti f'sitta jew seba' knatan li kienu lesti f'pożizzjoni dritti sabiex jintrabtu bil-katina. Mhux ċar mill-atti jekk dawn il-knatan ġewx pożizzjoni dritti mill-istess rikorrent jew minn xi ħaddieħor f'liema każ ma tressqet l-ebda prova dwar dan. Ir-rikorrent, diversi drabi fl-atti jgħid li huwa ma ra l-ebda difett f'dawn il-knatan għaliex kieku kien ineħħi l-kantun li jinnota bħala difettuż. Dan ukoll juri li r-rikorrent kien ben konxju bil-possibbiltà li tul ix-xogħol xi kantun jista' jirriżulta difettuż. Ikompli jgħid li prosegwa sabiex jorbot dawn il-knatan bil-katina bil-proċedura tas-soltu billi jsallabha miż-żewġ direzzjoni mal-ġebel u jara li jorbot sew il-ganċ. Tant illi dawn il-knatan ġew marbuta sew bil-katina li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-operatur tal-krejn jikkonfermaw li r-rużata laħqet telgħet ċertu ammont ta' metri 'l fuq fl-arja u li kieku din ma kinitx marbuta sew kien ikollha terġa' titniżżel.*

*Illi sa dan l-istadju tal-irbit tal-ġebel il-Qorti ma tista' ssib l-ebda tort fuq ir-rikorrent għaliex jidher li għamel xogħlu sew sabiex jorbot il-ġebel skont is-sengħa u l-arti li huwa kien ilu jeżerċita tul tletin sena u wkoll ma nnota l-ebda difett fil-ġebel. Il-Qorti tirrileva wkoll illi kieku xi ġebla minnhom kellha difett li jidher allura l-inċident kien ikun tort tal-istess rikorrent iżda mill-atti dan ma jirriżultax. Il-Qorti rat fil-fatt li fl-atti ġie spjegat kif kantun jista' jkollu difett moħbi ġo fih, msejħa brama muta, li minn barra ma tkunx tidher u li dan ifaqqa fil-mument li jinġarr. Il-Qorti terġa' tirrileva li fl-atti ma tressqet l-ebda prova minn ebda parti dwar min kien li ppostja dan il-ġebel dritti ħdejn xulxin sabiex ikunu jistgħu jiġu marbuta. Ħareġ biss li l-ġebel kien jiġi provdut mill-istess soċjetà intimata u li ċertament sa dak il-mument li ġie biex jiġi mgħobbi u mgħolli dan il-kantun kien għadu, mid-dehra tiegħu, ma jidhirx li difettuż iżda kantun bħal kull kantun ieħor.*

*Dwar l-irbit appożitu tal-katina xehed ukoll l-operatur tal-krejn Darryl Agius li wkoll kkonferma li r-rużata kienet ġiet marbuta sew tant li din telgħet, fi kliemu, seba' filati għoli. Il-Qorti tirrileva fl-atti li effettivament ix-xhieda tar-rikorrent, ta' ċertu Paul Magri li kien qed jaħdem mar-rikorrent u tal-istess Darryl Agius ma taqbilx dwar kemm eżatt kienet laħqet għolliet ir-rużata qabel ma seħħ l-inċident. Jibqa' iżda l-fatt li r-rużata laħqet telgħet għoli mhux ħażin tant li r-rikorrent u Darryl Agius jaqblu li laħqet qabżet il-pilastru tal-ħadid u ostakli oħra li anki jidhru fir-ritratti meħuda minn Aldo Busuttil a fol. 268 et seq tal-proċess. Il-Qorti hija konvinta li kieku r-rikorrent rabat ħażin ir-rużata din kienet taqa' ferm qabel il-mument li seħħ l-inċident u ma kinitx tilħaq titla' tant għoli. Fil-fatt il-Qorti rat li Darryl Agius fil-verżjoni mogħtija a tempo vergine lill-istess Aldo Busuttil kien stqarr li huwa kien għolla r-rużata u kien fil-proċess li jiġbed l-istess lura meta din waqgħet.*

*Illi dwar il-kwistjoni jekk ir-rikorrent baqax taħt ir-rużata tal-ġebel fil-ħin li din ġiet mgħollija effettivament mill-provi dan ma jirriżultax. Ir-rikorrent*

*jgħid li huwa baqa' mar-rużata sakemm din qabżet il-magna tal-ġebel mbagħad mexa lil hinn minnha. L-istess jixhed Paul Magri li saħansitra jgħid li r-rikorrent laħaq mexa bejn ħmistax u għoxrin metru l-bogħod. L-operatur tal-krejn Darryl Agius ukoll jgħid li huwa kien moħħu li taħt ir-rużata ma jkollu l-ħadd u fil-fatt lir-rikorrent ma rahx. Għalhekk joħroġ li r-rikorrent ma kienx negliġenti u ma baqax taħt ir-rużata għalkemm joħroġ mix-xhieda tiegħu li huwa ta dahru lill-istess huwa u miexi lejn in-naħa l-oħra tas-sit fejn kien hemm Paul Magri sabiex ikun jista' jitniżżel l-istess ġebel mgħolli.*

*Illi l-Qorti, fl-atti, rat li x-xhud Paul Magri fit-tieni xhieda tiegħu qajjem dubju dwar id-direzzjoni tal-'jib' tal-krejn fejn isostni li ftakar li l-operatur tal-krejn kellu jdawwar lejn id-direzzjoni tal-wied sabiex ikun hemm 'safety' filwaqt li dak in-nhar tal-inċident ghal dik ir-rużata partikolari dar bil-kontra. Is-soċjetà intimata ssostni li dan ma kienx minnu u li x-xhieda tal-istess Magri dwar dan hija kontradittorja u mhux veritiera.*

*Il-Qorti rat mill-atti li dakinhar tal-inċident, fil-verżjonijiet mogħtija lill-pulizija, ħadd mix-xhieda u wisq anqas ir-rikorrent u lanqas Paul Magri ma semmew xi ħin din il-kwistjoni tad-direzzjoni tal-krejn. Fil-fatt fir-rapport huwa mniżżel li Paul Magri stqarr li ma kienx fil-viċinanzi tal-inċident. Paul Magri naqas milli jixhed dwar dan il-punt ukoll fl-ewwel xhieda tiegħu tant illi jgħid li hu sema' biss il-ġebel jaqa' u li ma jafx kemm għoli laħaq telgħet ir-rużata. Fit-tieni verżjoni mogħtija aktar minn sena wara jgħid li ftakar li l-operatur tal-krejn flok dar lejn fuq il-wied, dar għal fuq in-nies u kien għalhekk li l-ġebel waqa' għal fuq ir-rikorrent. In kontroeżami ulterjuri diversi xhur wara jiftakar ferm aktar dettalji u jgħid li r-rikorrent kien laħaq mexa ħmistax jew għoxrin metru l-bogħod minn fejn kien qed idur il-krejn u li l-ġib tal-krejn kienet laħqet imxiet hames metri fid-direzzjoni opposta. Apparti li dan jikkontradixxi dak li xehed Paul Magri fit-tieni xhieda għax allura jirriżulta li effettivament il-ġib mexa d- direzzjoni opposta ta' fejn mar ir-rikorrent, il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen li a tempo vergine dan ix-xhud ma ftakarx dan id-dettal tant importanti u ma semmihx mal-pulizija.*

*Il-Qorti rat ukoll li malli Paul Magri ħareġ bil-verżjoni tad-direzzjoni ħażina tal-krejn, ir-rikorrent rikeb din il-verżjoni u għamilha tiegħu fix-xhieda ulterjuri tiegħu meta kien hu wkoll li mal-pulizija ma semma xejn dwar dan.*

*Il-Qorti tinnota in oltre li ħadd mix-xhieda l-oħra li kienu fuq il-lant tax-xogħol ma semma dan id-dettall la mal-Pulizija, la mal-investigatur mqabbad mis-soċjetà ntimata u wisq anqas mal-Qorti.*

*Min-naħa l-oħra s-soċjetà intimata ressqet ix-xhieda ta' Aldo Busuttil li sostna li bil-mod kif kien armat il-krejn, minħabba l-appoġġi, il-krejn kien fl-impossibilità li jdur 360 degrees mill-parti t'isfel fejn hemm il-gabina. Apparti minn hekk il-Qorti rat ir-rapport preliminari tal-Health & Safety esibit mill-istess xhud redatt fuq talba tas-soċjetà sid tal-lant inkwistjoni fejn fih tniżżel li appuntu l-krejn kien mistenni li jdawwar il-ġib minn fuq ir-residenzi. Dan kollu juri li l-verżjoni moghtija minn Paul Magri mhijiex*

*waħda veritiera u tiddeplora l-mod kif ir-rikorrent rikeb fuq din il-gidba għaliex ħaseb li hekk jaqbillu jagħmel.*

*Illi jonqos għalhekk li din il-Qorti tevalwa jekk is-soċjetà intimata għandhiex xi responsabbiltà fl-inċident inkwistjoni. Jirriżulta fl-ewwel lok li s-soċjetà intimata provdiet ilbies protettiv lill-ħaddiema kollha tagħha u dan ma ġiex kontestat. Is-soċjetà intimata verament provdiet il-ġebel hi iżda rriżulta li d-difett li seta' kellha l-ġebla, li ħabba fiha waqqgħet ir-ružata tal-ġebla, seta kellha jew difett viżibbli li seta jarah biss ir-rikorrent jew moħbi li allura ma seta' jiprevedih ħadd. Fl-atti tressqu wkoll provi li jissodisfaw lil din il-Qorti li s-soċjetà ntimata qabbdet uffiċċjali tal-'Health and Safety' fuq il-post, qabel ma saħansitra beda l-iżvilupp u li kienet issegwi r-rakkomandazzjonijiet kollha li kienu jsirulha fir-rapport ta' kull ġimgħa wara li kien jattendi l-uffiċċjal fuq il-post.*

*Il-Qorti tirrileva wkoll li ma tressqet l-ebda prova ulterjuri da parti tar-rikorrent li possibilment setghet turi li s-soċjetà intimata kienet qed tipprovdi lill-ħaddiema ġebel mhux ta' kwalità. Anzi jirriżulta li l-kostruzzjoni fuq il-lant kienet ilha għaddejja numru ta' xhur u ma kien seħħ l-ebda inċident simili, almenu ma tressqet l-ebda prova dwar li seħħ xi inċident ieħor. In oltre dakinhar stess tal-inċident ħareġ mill-provi li l-krejn kien ilu jgħolli ružati ġebel sa mis-6.30 ta' filgħodu u l-inċident seħħ wara nofsinhar, għalhekk li kieku l-ġebel kien difettuż, wieħed kien jistenna li l-inċident iseħħ ferm qabel fil-ġurnata.*

*Illi l-uniku argument li l-Qorti tista' tara li jista' jitqajjem fil-konfront tal-kumpanija intimata huwa li dan il-periklu ta' possibbli difett moħbi f'ġebla seta' kien previst u l-ħaddiema jkunu avżati bl-istess. Fil-fatt wara li seħħ l-inċident, jirriżulta li l-uffiċċjali tas-Saħħa u s-Sigurtà rrakomanda li l-ħaddiema jibdew jiċċekkjaw kantun, kantun qabel ma dawn jintrabtu, regola li jidher li ma kienitx għadha ġiet adoperata dakinhar tal-inċident. Jirriżulta iżda li s-soċjetà intimata, sabiex jagħmel dan ix-xogħol, qabbdet appuntu lir-rikorrent li kellu tletin sena esperjenza f'dan ix-xogħol u ħareġ ampju mill-atti li r-rikorrent kien jaf b'din il-possibilità tant li jgħid li huwa kien jiċċekkja u li jekk jara xi wieħed difettuż ineħħih. L-istess rikorrent wara l-inċident ukoll jirriżulta li seta' mill-ewwel jgħid x'seħħ tant li mill-atti ħareġ li kull min kien jaħdem fuq il-lant kien konxju bil-possibbiltà li jfaqqa' kantun, inkluż ir-rikorrent. Il-Qorti għalhekk temmen li fi kwalunkwe każ ir-rikorrent kien mgħallem u kellu esperjenza biżżejjed li jaf li kellu jiċċekkja l-knatan u li kien hemm il-possibbiltà li jfaqqa' xi wieħed meta jintgħafas b'dana li kellu jżomm il-bogħod minn taħt ir-ružata u ma kienx hemm bżonn ordni jew direzzjoni speċifika tas-soċjetà intimata sabiex jagħmel dan.*

*Illi mill-provi f'kollha fl-atti, din il-Qorti tqis li l-inċident in kwistjoni seħħ unikament għar-raġuni li fost il-knatan marbuta fir-ružata kien hemm wieħed difettuż u li l-probabbiltà dan id-difett kien wieħed moħbi u li ma kienx viżibbli għall-għajn. Ir-rikorrent rabat skont is-sengħa u l-arti r-ružata permezz tal-katina u l-ganċ tant li r-ružata laħqet telgħet ċertu għoli mingħajr problemi. Ir-rikorrent Sciberras laħaq warrab ċertu distanza minn*

*taħt ir-rużata tant li l-operatur tal-krejn ikkonferma li hu ma kien qed jara l-ħadd taħtha. Kien f'dan il-mument li ttellgħet ir-rużata u ser tibda tinġibed lura li f'daqqa waħda faqqa' l-kantun difettuż bir-riżultat li l-ġebel infaqa' u waqa' 'l isfel billi sparpalja f'ċertu distanza.*

*Sfortunatament irriżulta li r-rikorrent kien għadu ma tbiegħedx biżżejjed sabiex jiġi evitat li parti mill-ġebel fir-rużata jolqtuh fuq wara partikolarment f'dahru, għalkemm almenu ma waqax il-ġebel kollu fuqu u l-inċident kien ikun ferm agħar.*

*Illi l-Qorti mill-provi kollha mressqa fl-atti tqis li s-soċjetà intimata bl-ebda mod ma setgħet tipprevedi li ser iseħħ dan l-inċident fil-ħin li seħħ stante li fil-fatt il-partijiet jaqblu li d-difett fil-ġebla bl-akbar probabbiltà kien moħbi. Jekk ma kienx moħbi iżda viżibbli kien responsabbiltà tal-istess rikorrent li jinduna li huwa tali.*

*Illi f'ċirkostanzi fejn f'każijiet bħal dak odjern ir-responsabbiltà tas-soċjetà intimata mhijiex waħda assoluta iżda limitata sabiex jiġi ppruvat li hija eżerċitat diliġenza ta' Bonus Pater Familias u f'ċirkostanzi fejn din il-Qorti hija konvinta li s-soċjetà intimata ma setgħet tagħmel xejn aktar minn dak li għamlet sabiex tevita li jseħħ l-inċident, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-inċident kien wieħed fortuitu li għalih ma hu responsabbli ħadd.*

***Konklużjoni:***

*Illi din il-Qorti, filwaqt li jiddispjaċiha ferm għar-rikorrenti u d-danni li allegatament sofra konsegwenza tal-inċident (stante li din il-Qorti f'dan l-istadju ma daħlitx f'analiżi tal-provi fir-rigward), sfortunatament in vista li ma sabet l-ebda negliġenza u/jew responsabbiltà fuq is-soċjetà intimata u filwaqt li l-liġi nostrana ma tipprovdix responsabbiltà assoluta ta' min iħaddem f'każijiet bħal dawn, ma għandiex alternattiva għajr li tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent u konsegwentement il-bqija tat-talbiet tiegħu.*

*Fiċ-ċirkostanzi iżda l-Qorti tqis li l-ispejjeż tal-kawża odjerna għandhom jiġu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.»*

9. L-attur ressaq l-appell tiegħu mill-imsemmija sentenza permezz ta' rikors tal-24 ta' April, 2024, b'aggravju waħdieni li fih hemm numru ta' raġunijiet, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għall-ilment ċentrali li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ħelset lill-kumpanija konvenuta minn kull responsabbiltà għall-inċident li seħħ.

10. Il-kumpanija konvenuta appellata Devlands Limited wieġbet permezz ta' risposta tal-appell tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2024 u fissret għala fil-fehma tagħha s-sentenza appellata hija waħda ġusta.

11. Rat ir-rikors tal-attur appellant Gaetano Sciberras tal-10 ta' Ottubru, 2024, li bih talab lil din il-Qorti sabiex iressaq sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm, u d-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ottubru, 2024 fejn irriżervat li tipprovdi wara li tkun eżaminat l-atti fid-dettal.

12. Wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

13. L-attur appellant fl-**aggravju tiegħu** jgħid li minkejja l-legaliżmi kollha, dan il-każ huwa dwar ħaddiem li weġġa' fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma ġie mogħti rimedju. Dan meta f'dawn l-aħħar snin il-liġi tagħna tagħmel enfasi kbira fuq id-dmirijiet ta' min iħaddem fil-konfront tal-impjegat, aktar u aktar fil-każ li jitratta l-lant tax-xogħol tal-kostruzzjoni. Huwa jsostni dan b'rabta mal-obbligu li jiġi provdut '*a safe place of work',*

kif ukoll '*a safe system of work',* b'enfasi kbira fil-każ tal-qasam tal-kostruzzjoni li fih hemm livell ogħla ta' periklu.

14. L-appellant isostni li, kuntrarjament għal dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, li kieku ittieħdu l-passi kollha meħtieġa, l-inċident ma kienx iseħħ. Jisħaq li l-kriterju tal-*culpa* tal-*bonus paterfamilias* jeħtieġ li jiġi eżaminat fil-kuntest tal-iżviluppi li seħħew. Jinsisti li ma rriżultax li huwa aġixxa b'mod żbaljat u li la kien hemm *dolo* u lanqas *culpa* min-naħa tiegħu. Madankollu, jingħad li jibqa' l-fatt li ħaddiem li mar fuq il-post tax-xogħol, weġġa' serjament u li dan ma ġiex legalment spjegat. Jgħid li jekk wieħed iħares lejn il-każ b'mod oġġettiv, jintebaħ li ma kienx hemm '*a safe place of work',* jew '*a safe system of work'.* Dan meta min iħaddem għandu l-piż legali sabiex il-persuna li tmur taħdem tingħata l-ħarsien qabel tbati l-ħsara. Jikkontesta l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ħadd m'għandu responsabbiltà legali minkejja li huwa ġarrab dannu kbir u jisħaq li ma saritx ġustizzja miegħu meta min kien iħaddmu kellu obbligu li jħarsu. L-attur appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza sabiex jisħaq dwar il-grad għoli ta' responsabbiltà tal-imgħallem.

15. Jibda billi jingħad li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ilment tal-attur appellant, meta donnu jrid jagħti x'jifhem li l-fatt li huwa korra fuq il-lant tax-xogħol ta' kostruzzjoni, kellu waħdu u fih innifsu jkun biżżejjed sabiex iwassal għal rimedju għall-konsegwenzi tal-inċident li ġarrab. Kif ingħad

drabi oħra minn din il-Qorti, fil-liġi tagħna, ma hemm ebda forma ta' *strict liability* li tpoġġi lil min iħaddem f'qagħda li jkollu ta' bilfors jagħmel tajjeb għall-korriment li jkun seħħ fuq il-post tax-xogħol (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Cordina v. Wasteserv Malta Limited et***). Tassew ma teżisti l-ebda preżunzjoni jew kważi preżunzjoni ta' responsabbiltà ta' min iħaddem kull meta jseħħ inċident (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' April, 2009, fl-ismijiet ***Felix Xerri v. Beechwood Limited***).

16. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-9 ta' April, 2024 fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Mizzi v. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited***, ir-responsabbiltà ta' min iħaddem tiġi mill-ħtieġa li tiġi ggarantita s-sigurtà tal-ħaddiem minn mard u minn korrimenti fuq il-post tax-xogħol. Dan il-ħtieġa ta' ħarsien tal-ħaddiem impoġġi f'periklu f'ambjent li jaqa' taħt il-kontroll ta' min iħaddmu tat lok għal għadd ta' liġijiet dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk, diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi żvantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan mingħajr ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbiltà tal-ġrajja tas-sinistru.

17. Madankollu, kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-25 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Vella v. Tabib tal-Gvern et***, fis-sistema legali tagħna dwar responsabbiltà, fejn jirriżulta inċident dannuż, hija *fault based,* jiġifieri f'kull każ ikun meħtieġ li jirriżulta n-ness ta' bejn kawża u effett ta' dak l-inċident li jkun ġara. Għalhekk ikun meħtieġ li jiġi stabbilit xi att jew nuqqas tal-parti konvenuta sabiex tiġi mnissla r-responsabbiltà meħtieġa għad-danni li jġarrab il-ħaddiem.

18. Fejn jidħlu inċidenti bħal dawn, meta persuna tkorri waqt il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq l-attur. Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan peress li l-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li kellu jipprova l-attur appellant huwa li dak li seħħ kien b'konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas tal-kumpanija konvenuta, b'mod partikolari li bħala l-persuna li tħaddem tkun negliġenti jew naqset milli tosserva xi obbligu li timponi fuqha l-liġi (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Francis Buhagiar et v. Segretarju tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta*** deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009, ***Victoria Vella nomine v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** mogħtija fil-25 ta' Ottubru, 2023 u ***Roberta Cassar pro et nomine v. Polidano Brothers Limited*** deċiża fil-25 ta' April, 2024).

19. Huwa minnu li r-regola ġenerali f'dan il-qasam hi li min iħaddem irid jipprovdi sistema ta' xogħol sigura – *a safe system of work* – (ara l-**Artikolu 6(1) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**[1]). Hekk ukoll, tabilħaqq hemm grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, tant li min-naħa tiegħu dan għandu jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward (ara ***George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2009).

20. Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem hemm: (i) il-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji u l-perikli marbuta max-xogħol; (ii) it-teħid mill-bidu tal-miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu dawn ir-riskji sa fejn ikun raġonevolment prattiku; (iii) id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ; u (iv) is-superviżjoni tal-ħaddiema sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tagħhom (ara l-**Artikolu 6(2)** u **(3) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** u s-sentenzi fl-ismijiet ***George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited*** ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2023).

[1] Ilum il-ġurnata l-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (il-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta)**, ġie mħassar bl-**Artikolu 35 tal-Att XXXIII tal-2024** u mibdul bl-**Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Kap 646 tal-Liġijiet ta' Malta**).

21. Meta wieħed iħaddem dawn il-prinċipji u t-tagħlim għall-każ taħt eżami, mill-provi rriżulta li l-kumpanija konvenuta kienet inkarigat lill-kumpanija AME Health and Safety Services Limited (minn hawn 'il quddiem imsejħa AME) sabiex saret *Occupational Health and Safety Plan*[2]; sar *Occupational Health and Safety Risk Assessment*[3] fejn hemm imniżżla r-riskji u l-miżuri ta' prevenzjoni li kellhom jittieħdu. Ġiet ippreżentata ċertifikazzjoni b'rabta mat-*tower crane* li kien qiegħed jintuża fuq is-sit ta' kostruzzjoni[4]. Xehed rappreżentant tal-kumpanija AME fejn qal li kienu jsiru spezzjonijiet regolari fuq il-lant tax-xogħol ta' darba fil-ġimgħa dwar l-aspetti tas-saħħa u sigurtà fejn kien jinħareġ rapport sabiex jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni milli jseħħu l-inċidenti[5]. Xehed ukoll rappreżentant tal-kumpanija konvenuta li fisser li meta kien ikun meħtieġ xi intervent min-naħa tagħha, ir-rakkomandazzjoni maħruġa kienet tiġi attwata minnufih[6], kif ukoll li kellhom *foreman* inkarigat sabiex jissorvelja x-xogħol. Din ix-xhieda qatt ma ġiet kontradetta min-naħa tal-attur appellant (fil-fatt dan ix-xhud qatt ma ġie kontroeżaminat).

22. Minn dan kollu jinżel li sa fejn l-ilment huwa ta' natura ġenerika, mill-provi mressqa mill-kumpanija konvenuta ma jirriżultax li jista' jingħad li ġie ppruvat xi nuqqas min-naħa tal-kumpanija konvenuta fit-twettiq tal-

[2] Ara Dok. AB1 f'paġna 214 tal-proċess.
[3] Ara Dok. AB2 f'paġna 226 tal-proċess.
[4] Ara ċertifikat f'paġna 263 tal-proċess.
[5] Ara xhieda f'paġna 211 tal-proċess.
[6] Ara xhieda ta' Brian Micallef, Dok. BM f'paġna 204.

obbligi tagħha li tosserva dak li l-liġi timponi fuqha fil-protezzjoni tal-ħaddiema inkarigati minnha.

23. L-attur appellant, fir-rikors tal-appell iressaq il-mistoqsija dwar il-prattiċi tax-xogħol ta' kif ġew mgħollija l-knaten tal-ġebel mill-art u kif jiġu trasportati l-istess knaten mill-krejn b'rabta mal-kwistjoni tal-kantun difettuż. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kantun difettuż kien l-attur stess li ħareġ bl-argument li x'aktarx kien hemm kantun difettuż fost il-knaten li ttellgħu fir-rużata li nfaqa' dak il-ħin li wassal sabiex seħħ l-inċident. L-istess attur xehed li xogħlu kien li jqatta', jimbraga u jiċċekkja li l-knaten ikunu marbutin sewwa bil-ganċ, proċedura normali li l-attur jiddeskrivi bħala parti mir-rutina tiegħu, xi ħaġa li kien ilu jagħmel għal aktar minn tletin sena[7]. L-attur taħt kontroeżami fisser kif huwa ma ra l-ebda kantun li kellu l-ħsara waqt li kien qiegħed jorbot u li dan ma jkunx daqstant viżibbli peress li fi kliemu "*ma jindikalekx", "Għax ikun imwaħħal hekk ma' xulxin u dik tkun brama muta", "Ma jkunx jurik".* L-attur appellant jinsisti li "*Bilfors kellu brama".*

24. Ikkunsidrata l-esperjenza li kellu l-attur u l-għarfien tiegħu tan-natura tal-ġebla li kien qiegħed jimmaniġġa, sewwa ngħad mill-Ewwel Qorti li qajla jista' jingħad li ma kienx mgħallem jew li ma kellux l-għarfien meħtieġ. Jekk kien daqstant diffiċli li jiġi identifikat il-kantun difettuż minn

[7] Ara x-xhieda tal-attur taħt kontroeżami minn paġna 158 'il quddiem.

persuna tal-esperjenza bħalma kien l-attur, lanqas jista' jingħad li l-kumpanija naqset mid-diliġenza meħtieġa minnha bħala ġenitur tajjeb tal-familja. Fil-fatt, kien biss wara l-inċident, li l-AME ħarġet ir-rakkomandazzjoni li l-ħaddiema jiċċekkjaw li l-ġebel ma jkunx maqsum qabel ma jintrefa', sabiex jiġi evitat inċident simili fil-futur[8].

25. Dan il-punt iwassal għall-eżami ta' ilment ieħor tal-attur appellant, dak fejn jgħid li l-Ewwel Qorti ma qisitx biżżejjed ir-responsabbiltà tal-kumpanija konvenuta b'mod oġġettiv, hekk kif ingħad minnha li l-kwistjoni tad-direzzjoni tal-krejn ma kinitx issemmiet minnu *a tempo vergine.* Isostni li min ikun ġarrab ħsara simili ma jifhimx mill-ewwel dak li jkun ġara u jkun irid jifhem u jibqa' jipprova jifhem aktar tard *ex post facto.* L-attur appellant jisħaq li dan ma kellux jittieħed bħala nuqqas ta' kredibbiltà fil-verżjoni tiegħu meta jingħad mill-Ewwel Qorti li rikeb fuq il-verżjoni tax-xhud Paul Magri. Wara kollox, jingħad mill-attur appellant li l-liġi titlob dak li għandu jikkostitwixxi diliġenza u prudenza fuq level għoli. L-attur appellant isostni li, l-kwistjoni tad-direzzjoni tal-krejn lanqas ġiet ippruvata permezz tax-xhieda tal-persuna inkarigata mill-istess krejn, kif lanqas jingħad li saret il-prova min-naħa tal-kumpanija konvenuta li l-inċident xorta kien iseħħ li kieku l-krejn ħa d-direzzjoni t-tajba.

[8] Ara x-xhieda ta' Aldo Busuttil f'paġna 212 tal-proċess.

26. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li ngħad mill-Ewwel Qorti b'rabta mal-valur probatorju tax-xhieda mogħtija *a tempo vergine,* fis-sens li l-Qrati jkunu aktar inklinati li jagħtu piż lill-verżjoni li tkun ingħatat ftit wara li jkun seħħ l-inċident. Ir-raġuni l-għala l-Qrati tagħna dejjem taw piż għal dikjarazzjonijiet li jsiru *a tempo vergine* huwa proprju sabiex f'każ ta' verżjonijiet kunfliġġenti, il-Qrati jisiltu mill-verżjoni tal-partijet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Barra minn hekk, l-importanza tal-istqarrija mogħtija eżatt wara l-inċident qiegħda fil-fatt li tingħata spontanjament u mingħajr ma' l-partijiet ikollhom iċ-ċans jaħsbu jew jintebħu b'ċerti fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verżjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Michele Lanteri v. Alan Spiteri***).

27. Tabilħaqq hekk jidher li ġara fil-każ taħt eżami. L-appellant qatt ma kien semma l-kwistjoni tad-direzzjoni li ħa l-krejn sabiex iċaqlaq il-ġebel, tant li meta kellmuh il-pulizija wara l-inċident[9] li seħħ fid-9 ta' Lulju, 2013, qal li kien qiegħed jimbraga l-ġebel u wara li rabathom bil-katina tal-ħadid u l-operatur tal-krejn beda jtella', u <u>wara ma kien jiftakar xejn</u> aktar ħlief li marru jgħinuh xi ħaddiema u li beda jħoss uġigħ kbir. Hekk ukoll, meta xehed l-attur quddiem l-Ewwel Qorti waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2017 ma semma xejn dwar li l-krejn kien ħa d-direzzjoni ħażina. Kien biss fil-kontroeżami tiegħu waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu, 2020, kważi seba'

---

[9] Ara rapport esebit bħala Dok. GS1 f'paġna 43.

snin wara l-inċident, li l-attur appellant allega li l-operatur tal-krejn ħadem ħażin!

28. L-istess jingħad fil-każ tax-xhud Paul Magri, li fir-rapport tal-pulizija ngħad minnu li ma kienx fil-viċinanzi tal-inċident, kif ukoll ma semma xejn dwar id-direzzjoni tal-krejn waqt ix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti tas-16 ta' Frar, 2016, fejn ingħad minnu li ma setax jagħti wisq dettalji bħall-għoli minn kemm waqgħu l-ġebel peress li ma kienx ta każ. Kien biss fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Jannar, 2018, fejn issemma minn Magri għall-ewwel darba, li l-krejn kellu jgħaddi minn fuq l-għalqa u mhux minn fuq in-nies! Meta dettall bħal dan joħroġ għall-ewwel darba erba' snin u nofs wara li seħħ inċident, jew dettalji tad-distanzi li jsemmi l-istess xhud waqt il-kontroeżami tiegħu tat-18 ta' April, 2023, meta qabel ma ssemmewx tali dettalji, tabilħaqq qajla jista' jitwemmen.

29. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-kumpanija konvenuta ressqet ix-xhieda ta' Aldo Busuttil li fisser li waqt l-investigazzjonijiet li għamel għan-nom ta' AME, ftit wara l-inċident, ħadd ma kien semma dan il-punt. Barra minn hekk jgħid minnu li minħabba l-konfigurazzjoni tas-sit, ma kien hemm imkien aktar fejn seta' jiġi manuvrat il-krejn peress li d-daħla għas-sit kienet dejqa u min-naħa tat-triq imdawra bil-bini. Waqt il-kontroeżami, Busuttil ikompli jfisser li għalkemm ma kienx fuq is-sit meta seħħ l-inċident, fil-fehma tiegħu, l-krejn ma setax idur dawra sħiħa peress li kien

jaħbat mal-appoġġi tal-bini biswit is-sit ta' kostruzzjoni. Dak li jingħad minn Busuttil fil-fatt jinsab ikkonfermat mill-iskizz li ppreżenta l-istess attur[10].

30. F'kull każ, din il-Qorti ma tinsabx konvinta li l-attur irnexxielu jipprova, kif kien obbligat li jagħmel, li kienet il-manuvra tal-operatur tal-krejn li wasslet għall-imsemmi inċident jew il-fatt li t-traġitt tar-rużata ta' knaten saret kontra dak li kien mistenni minn persuna ta' diliġenza ordinarja, peress li fl-aħħar mill-aħħar ir-rużata tal-knaten kellha f'kull każ, f'xi stadju tgħaddi minn fuq is-sit ta' kostruzzjoni. L-operatur tal-krejn kellu obbligu li jassigura li ma kien hemm ħadd taħt ir-rużata tal-knaten hekk kif beda jgħolliha (kif fil-fatt irriżulta li għamel skont ix-xhieda ta' Daryl Lee Agius[11]), filwaqt li l-ħaddiema fuq is-sit ta' kostruzzjoni joqogħdu attenti li ma jgħaddux minn taħt ir-rużata tal-ġebel fit-traġitt tagħha minn post għall-ieħor fuq is-sit tal-kostruzzjoni.

31. Għalkemm l-attur jixhed u din il-Qorti tqis li aktarx huwa minnu li kien beda miexi lil hemm mir-rużata tal-knaten, sfortunatament meta din ċediet, l-attur kien għadu fil-viċin u sab ruħu fil-medda tal-ġebel li sparpalja ruħu hekk kif faqqa'. Għalhekk tabilħaqq jista' jingħad li l-inċident kien wieħed sfortunat. Iżda ma jitqiesx ġust li l-attur jittanta jitfa' l-ħtija għal dak li ġara fuq l-operatur tal-krejn jew il-kumpanija konvenuta.

[10] Ara Dok. GSA 1 f'paġna 191.
[11] Ara x-xhieda f'paġna 31.

Jekk ħadd ma staqsa lill-operatur tal-krejn dwar id-direzzjoni meħuda minnu, matul il-kors tal-kawża, l-attur appellant ma jistax issa jilmenta dwar dan in-nuqqas, meta fil-verità dan in-nuqqas ma huwa ta' ħadd ħlief tiegħu. Kien l-attur stess li kellu kull interess li jistħarreġ dan il-punt, ġaladarba kien qiegħed isostni li kien dan in-nuqqas li wassal għall-inċident taħt eżami. Il-Qorti ma tistax tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas.

32. Ir-regola ġenerali hija li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu (**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili)** u li jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili)** jew li jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (**Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili**).

33. Jiġi mtenni li fejn jidħlu l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, meta persuna tkorri waqt li tkun qiegħda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova ta' responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq min ikun weġġa' jiġifieri, l-attur appellant. Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-lant tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Jannar, 2022, fil-kawża fl-*ismijiet* ***Anthony Joseph Galea v. Vassallo Builders Limited***).

34. Fil-każ taħt eżami, l-attur ma seħħlux jipprova li kien hemm xi negliġenza jew x'kien in-nuqqas min-naħa tal-kumpanija konvenuta li wassal għall-inċident.

35. L-attur jilmenta wkoll li meta wieħed jara s-sentenza fl-intier tagħha, jinnota li ngħata piż straordinarju lill-aġir tal-istess attur, filwaqt li jidher li twarrab il-kunċett ta' negliġenza kontributorja. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tmur lil hemm mis-sempliċi affarijiet li għamlet il-kumpanija konvenuta b'ħarsien tal-prinċipji ta' saħħa u sigurtà u tqis b'mod oġġettiv dak li kien meħtieġ li jsir sabiex jiġi evitat inċident simili. Jinsisti li kien meħtieġ li jsir skrutinju akbar tal-aġir tal-kumpanija konvenuta, bl-istess mod kif sar fil-konfront tal-aġir tal-attur. Dan jingħad b'rabta mad-direzzjoni żbaljata meħuda mill-krejn, li jsostni li jikxef nuqqas ta' arranġamenti xierqa għall-pjanar effettiv, nuqqas fl-organizzazzjoni, nuqqas fil-kontroll, nuqqas fil-moniteraġġ u dak fir-reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jingħad ukoll b'rabta mal-obbligi kuntrattwali ta' saħħa u sigurtà li min iħaddem għandu fil-konfront tal-impjegat, liema obbligi m'għandhomx jitqiesu f'vaku. L-attur appellant isostni li l-fatt li s-sit ta' kostruzzjoni kellu daħla dejqa minn Triq il-Kostituzzjoni, li kienet imdawra bil-bini, kellha titqies mill-kumpanija konvenuta fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni. Għalhekk jinsisti li l-kwistjoni tad-direzzjoni tal-krejn u l-operazzjoni tiegħu jistabbilixxu n-ness kawżali meħtieġ sabiex il-kumpanija konvenuta kellha tinstab responsabbli għall-inċident li seħħ.

36. Din il-Qorti wara li qieset dan l-ilment tal-attur appellant fil-kuntest tal-provi mressqa fl-atti ttenni li minkejja li huwa minnu li hija regola ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li titħaddem sistema xierqa ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub, liema dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, jibqa' l-fatt li l-attenzjoni meħtieġa fil-qadi ta' dan id-dmir hija dik ta' ġenitur tajjeb tal-familja u mhux grad ogħla minn hekk. Għalhekk, jekk kemm-il darba min iħaddem ikun issodisfa l-obbligi kollha tiegħu, huwa ma jistax jinstab responsabbli għall-inċident li jkun seħħ fuq il-post tax-xogħol (ara ***Peter Ronald v. Polibon Construction Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2009).

37. Rilevanti wkoll f'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Joseph Cordina v. Wastserv Malta Limited et*** imsemmija qabel. Hemm ingħad ukoll li minkejja l-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, il-liġi ma teħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (ara l-**Artikolu 7(1) u (2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**). Hekk ukoll, il-ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tpoġġih f'riskju bla bżonn u jrid joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel.

38. Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħħa, fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited***, imsemmija qabel, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà mhux biss fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, iżda wkoll meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tieghu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu, jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu (ara b'eżempju, s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et*** u dik fl-ismijiet ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021).

39. Fuq it-tema ta' kontributorjetà, jekk id-danneġġat ikun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb, ikkontribwixxa jew ikkaġuna l-ħsara minnu mġarrba, hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi f'liema proporzjon id-danneġġat ikun ikkontribwixxa jew ikkaġuna l-ħsara li bata (**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili**). Dan il-prinċipju japplika mhux biss fil-qasam ta' ħtija akwiljana, iżda wkoll fil-qasam kuntrattwali. B'dan illi, in-nuqqas tad-danneġġat jista' jkun tant determinanti li jinterrompi r-rabta kawżali bejn in-nuqqas tat-terz u d-danni mġarrba mid-danneġġat

Rilevanti f'dan is-sens huwa dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Reuben Fenech et pro et noe v. Francis Montebello et***, u l-ġabra ta' ġurisprudenza li hemm saret referenza għaliha.

40. Fil-każ taħt eżami, l-attur kien bniedem tas-sengħa li kien jaf xogħlu sew u kellu snin twal ta' esperjenza fuq l-istess xogħol. Ikkunsidrat l-għarfien tal-attur li kien hemm il-possibbiltà li jkun hemm kantun difettuż kif imfisser minnu, kien jixħet obbligu fuqu li jara l-knaten sew qabel ma jorbothom bil-katina sabiex tittella' r-ružata tal-knaten. F'dak l-istadju, ħadd għajr l-attur ma kellu s-setgħa li jara li l-knaten marbuta kienu mingħajr difetti. Fil-fatt dik kienet it-twissija li ħarġet il-kumpanija terza AME wara l-inċident, li l-ħaddiema jiċċekkjaw li l-ġebel ma jkunx maqsum jew difettuż qabel ma' dan jintrefa', miżura ta' prevenzjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-attur appellant seta' jieħu. Għalhekk din il-Qorti ma tara xejn irraġonevoli fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni imwettaq mill-Ewwel Qorti fil-każ taħt eżami.

41. F'kull każ, jibqa' siewi l-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, jiġifieri li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Għalhekk jibqa' dejjem l-obbligu tal-attur li jressaq provi tajba biżżejjed sabiex isostni l-każ tiegħu. Madankollu fil-każ taħt eżami, minkejja l-allegazzjonijiet li jitressqu mill-attur fir-rikors tal-appell

tiegħu, dwar id-direzzjoni u l-operat tal-krejn, dawn ma jsibux sostenn fil-provi fl-atti. Jibqgħu rilevanti l-konsiderazzjonijiet magħmula qabel minn din il-Qorti, fl-eżami tal-ilmenti l-oħra tal-attur appellant. Dan jingħad fis-sens li l-provi mressqa mill-attur ma jwasslux lill-Qorti għall-konvinċiment li tqis li jirriżulta xi nuqqas min-naħa tal-kumpanija konvenuta fil-ħarsien tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol jew xi aġir negliġenti fil-qadi tad-dmirijiet tagħha, iżda x'aktarx kien inċident sfortunat li l-kumpanija konvenuta ma tistax titqies responsabbli li tirrispondi għalih.

**Deċiżjoni:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-attur appellant Gaetano Sciberras, u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-appell jinġarru mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss